MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2015

Citazzjoni Numru. 1094/2013

***P.M.C. & Sons Limited***

***(C - 38663)***

**vs**

***C & C Contractors Limited***

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-13 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet s-segwenti:

1.1. Illi permezz ta' kuntratt datat it-22 ta' Lulju, 2008, (ara foll 5), is-socjeta` intimata obbligat ruhha li thallas is-somma ta' sitta u sittin elf, disa` mija u tletin Ewro, u tlettax -il centezmu, (€66,930.13), rigwardanti kumpens ghal servizzi rezi mis-socjeta` rikorrenti lil dik intimata;

1.2. Illi l-istess socjeta` intimata ghad ghandha thallas lis-socjeta` rikorrenti bilanc ta' tmienja u ghoxrin elf, sitt mija u hamsa u tletin Ewro u disgha u sebghin centezmu, (€28,635.79), (ara foll 14);

1.3. Illi *nonostante* li interpellata diversi drabi, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.4. Illi ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex dik intimata jkollha l-opportunita` tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.4.1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, sitt mija u hamsa u tletin Ewro u disgha u sebghin centezmu, (€28,635.79), bilanc minn somma akbar, ghal servizzi rezi f'Haz-Zabbar u Santa Venera, fuq inkarigu ta' l-istess socjeta` intimata;

1.4.2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur fuq indikat;

2. Tirrileva li s-socjeta` intimat, ghalkemm debitament notifikata, baqghet kontumaci, (ara foll 46 u 57);

3. Semghet lix-xhud prodott;

4. Ezaminat id-dokumenti kollha prodotti;

5. Tirrileva li t-terminu moghti lis-socjeta` intimata biex jekk jidhrilha, tipprezenta s-sottomissjonijiet taghha fir-rigward, ghadda inutilment (ara foll 64);

Ikkunsidrat:

6. Illi l-premessi u talbiet sottomessi mis-socjeta` rikorrenti gew debitament irrikonfermati bil-gurament mid-direttur rapprezentanti tas-socjeta` rikorrenti;

7. Illi *di piu`*, l-istess xhud ikkonferma li is-sitwazzjoni rizultanti mall-koncepiment tal-kawza ghadhom ma` nbidlux;

Ikkunsidrat:

8. Illi din il-qorti m'ghandiex ragunijiet validi fil-ligi ghaliex m'ghandiex tistrieh fuq il-provi prodotti mis-socjeta` rikorrenti;

9.0. Illi in vista tal-premess hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti ppruvat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

9.1. Tikkundanna lis-socjeta` intimata *C & C Contractors Limited* thallas lis-socjeta` rikorrenti *P.M.C. & Sons Limited* is-somma ta' tmienja u ghoxrin elf, sitt mija u hamsa u tletin Ewro u disgha u sebghin centezmu, (€28,635.79), bilanc minn somma akbar, ghal servizzi rezi f'Haz-Zabbar u Santa Venera, fuq inkarigu ta' l-istess socjeta` intimata;

9.2. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-istess socjeta` intimata, u

9.3. Bl-imghaxijiet legali skont il-ligi mid-data ta' l-ittra ufficjali ta' l-14 ta' Novembru, 2013, sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------